MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2010

Appell Civili Numru. 11/2002/3

**Louis Zammit**

**v.**

**Maria Assunta Spiteri**

**Il-Qorti**:

**Preliminari**

**1.** Dan huwa appell dwar talba ghall-hlas ta’ somma flus ghal xoghol ta’ kostruzzjoni. Is-sentenza appellata nghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali fit-13 ta’ Novembru 2007. L-appell tal-konvenuta gie ntavolat fit-30 ta’ Novembru 2007. Ir-risposta tal-appellat giet prezentata it-28 ta’ Dicembru 2007. L-appell instema’ u gie trattat fl-1 ta’ Frar 2010, meta thalla ghas-sentenza.

**2.** F’din il-kawza originarjament l-attur kien talab li l-ewwel Qorti tiddeciedi l-istess kawza bid-dispensa tas-smiegh skond l-Artikolu 167 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura [Kap. 12, tal-Ligijiet ta’ Malta] u tikkundanna lill-konvenuta thallsu l-ammont ta’ dstax-il elf hames mija u wiehed u sebghin Euro u tmienja u hamsin centezmu (€19571.58) [ekwivalenti ghall-munita l-qadima ta’ tmint elef erba’ mija u zewg Liri Maltin u tmien centezmi (Lm8402.08)] dovuti bhala prezz ta’ xoghol ta’ kostruzzjoni li ghamel flimkien mal-imghax b’effett mid-19 ta’ Ottubru 2001 sad-data tal-effettiv pagament. Huwa kien in fatti ppremetta illi kien gie nkarigat mill-konvenuta sabiex iwettqilha xoghol ta’ gebel u konkos fuq proprjeta` taghha fi Triq ic-Cief, Ghajnsielem (Ghawdex). Fisser li huwa debitament wettaq dan ix-xoghol hekk appaltat sakemm il-kuntratt gie terminat minghajr ebda raguni da parti tal-konvenuta. Kompla jfisser li tax-xoghol li kien lahaq wettaq kien ghad fadallu jithallas is-somma ta’ Lm8,402.08 stante li l-konvenuta baqghet ma hallsel anqas centezmu wiehed minn dak dovut, u li ghalkemm kien interpellha, din baqghet inadempjenti. Bid-digriet taghha moghti waqt is-seduta tat-30 ta’ April 2002, l-ewwel Qorti tat lill-konvenuta l-fakoltà li tipprezenta nota tal-eccezzjonijiet peress li l-konvenuta dehret li kellha eccezzjonijiet validi x’taghmel fil-kawza. Il-konvenuta ghalhekk kienet issollevat tliet eccezzjonijiet (ara fol. 16 tal-process) u cioè li:

i) it-talbiet ta’ l-attur kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex is-somma mitluba ma kinitx dovuta peress li l-konvenuta diga` kienet hallset is-somma ta’ tmint elef sitt mija u sittax-il Euro u tmienja u sittin centezmu (€8616.68) [ekwivalenti ghall-munita l-qadima ta’ tlett elef u sebgha

mitt lira Maltija (Lm3,700)] bhala pagament akkont tax-xoghol li sar;

ii) l-attur ma kienx lesta x-xoghol li kien inkarigat li jaghmel minkejja d-diversi interpellazzjonijiet sabiex jitkompla x-xoghol mibdi minnu; u

iii) illi hafna mix-xoghol ma kienx sar skond is-sengha u l-arti.

**3.** Ghall-ahjar intendiment tal-odjerna sentenza qed jigu riprodotti l-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti li wassluha ghall-konkluzzjonijiet taghha. Dik is-sentenza tghid hekk:

**"Il-Qorti:**

***-- omissis--***

"Ikkunsidrat:-

"1. Il-kawza tittratta talba ghall-hlas ta' somma ta' tmint elef erbgha mija u zewg liri Maltin u tmien centezmi (Lm8,402.08) ghall-xoghol ta' gebel u konkos li l-attur isostni li ghamel fuq inkarigu tal-konvenuta, wara li l-appalt li nghata gie terminat. Fin-nota ta' l-eccezzjonijiet, il-konvenuta ma kkontestax li kienet hi li tterminat l-appalt ghalkemm fil-verzjoni tal-fatti li tat tghid li *"wara li ghadda hafna zmien li fih kien jaghmel gimghat shah ma jigix iddecidejt li mmur ghan l-Avukat u niktiblu biex jieqaf jew ikompli. Kien hawn li hu ddecieda li jieqaf u jibghat il-kont tax-xoghol li ghamel. Huwa gab il-Perit tieghu Emanuel Vella jkejjel u bghat il-kont"* (fol. 32). Minn qari tal-ittri legali li gew skambjati (fol. 23[1] u 24[2]) il-Qorti tifhem li kienet il-konvenuta li tterminat l-appalt in kwantu sa dak l-istadju jirrizulta li l-attur kien ghadu jinsisti li jkompli bix-xoghol pero` ried li qabel ma jkompli l-konvenuta thallsu tax-xoghol li kien tlesta. Fil-fatt fl-ittra legali datata l-1 ta' Ottubru 2001 inghad, *"Sadattant jiddifidak milli tinkariga xi*

[1] Ittra datata 10 ta' Settembru 2001 mibghuta mid-difensur tal-konvenuta.

[2] Ittra datata l-1 ta' Ottubru 2001 mibghuta mid-difensur tal-attur.

*kuntrattur iehor u jinfurmak illi fin-nuqqas jipprocedi kontra tieghek anke b'mandat ta' inibizzjoni"* (fol. 24).

"2. Skond l-Artikolu 1640 tal-Kodici Civili (Kap. 16):

*(1) Min jaghti x-xoghol jista' jholl, meta jrid, il-kuntratt, ghalkemm ix-xoghol ikun digà beda.*

*(2) Jekk ma jkunx hemm raguni valida biex iholl il-kuntratt, min jaghti x-xoghol ghandu jhallas biss lill-appaltatur l-ispejjez kollha u x-xoghol kollu tieghu flimkien ma' somma li tigi meqjusa mill-qorti, skond ic-cirkostanzi, izda mhux izjed mill-qliegh li l-appaltatur seta' jaghmel b'dak l-appalt.*

*(3) Jekk ikun hemm raguni valida biex iholl il-kuntratt, min jaghti x-xoghol ghandu jhallas biss lill-appaltatur somma li ma tkunx izjed mill-ispejjez ta' l-appaltatur u l-valur taxxoghol, wara li jittiehed qies ta' l-utilità ta' dawk l-ispejjez u dak ix-xoghol lil min ikun ta x-xoghol kif ukoll id-danni li dan ikun sofra*.

"Fil-kawza fl-ismijiet **S.M.W. Cortis Limited vs Carmel Grima** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Novembru 2006 gie osservat:

*""Illi ghandu jinghad li huwa minnu li l-ligi trid li kull min jaghti x-xoghol jista', meta jrid, iholl l-appalt, u li l-avviz moghti b'kull mezz li jkun lill-appaltatur itemm il-kuntratt tal-appalt. Izda din l-ghazla iggib maghha effetti u konsegwenzi ohra li jiddependu min jekk l-ghazla tal-appaltant tkunx mibnija fuq raguni li tghodd jew inkella jekk din l-ghazla tkunx imsejsa fuq raguni mhix tajba".*

"Madankollu l-attur stess xehed li *"allura kont ghedtilha illi jiena ma kellix oggezzjoni illi hija tqabbad lil haddiehor minfloki basta illi jitkejjel ix-xoghol tieghi sabiex jiena inkun naf kemm ghandi niehu"* (fol. 20). Ghalhekk kienu x'kienu c-cirkostanzi, jirrizulta li hemm qbil li l-hlas dovut hu ghax-xoghol ta' bini li ghamel l-attur.

"3. Minn qari tac-citazzjoni jirrizulta li l-attur qieghed jitlob biss hlas ghal xoghol li lehaq wettaq (ara wkoll affidavit ta' l-attur – fol. 5 u l-kont mahrug mill-perit Emanuel Vella –

fol. 6). Hlas li kemm jekk l-ghazla tkun imsejsa fuq raguni li tghodd u kemm jekk le, ikun dovut. B’dan li fejn ikun hemm raguni valida biex jinhall l-appalt, ghandu fl-ewwel lok jittiehed qies ta’ l-utilita` tax-xoghol lil min ikun ta x-xoghol.

“4. Min-naha taghha l-konvenuta ddefendiet ruhha ghat-talba ta’ l-attur, permezz ta’ tlett eccezzjonijiet li jistghu jigu rijassunti b’dan il-mod:-

“(a) Mill-ammont li qieghed jintalab, is-somma ta’ tlett elef u sebgha mitt lira Maltija (Lm3,700) thallset diga` bhala pagament akkont tax-xoghol;
“(b) L-attur naqas milli jlesti x-xoghol li kien gie nkarigat li jaghmel;
“(c) Fix-xoghol li sar mill-attur, hafna mix-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti.

“5. M’hemmx kontestazzjoni li x-xoghol kollu li tieghu qieghed jintalab il-hlas permezz ta’ dawn il-proceduri, sar mill-attur. Fis-seduta tat-28 ta’ Jannar 2003 il-konvenuta xehedet (fol. 69):

*“Dr. Carmelo Galea: Imma l-perit dawk it-tmint elef u erbgha mitt lira (Lm8,.400) hareg kont ghalih?*

*“Xhud: Iva, iva.*

*“Dr. Carmelo Galea: Kull haga li tissemma f’dak il-kont fil-fatt tezisti fuq il-post taghkom?*

*“Xhud: Iva.*

*“Dr. Carmelo Galea: Jigifieri dak il-kont, dak ix-xoghol kollu li sar hemmhekk li jidher f’dak il-kont, fil-fatt sar minn Louis?*

*“Xhud. Iva”*.

“6. Il-Qorti ser tghaddi biex tittratta l-eccezzjonijiet moghtija mill-konvenuta:-

"(a) **<u>Hlas akkont ta' tlett elef u sebgha mitt lira Maltija (Lm3,700) li skond il-konvenuta sar fil-25 ta' Jannar 2002</u>**.

"L-ezitu ta' din l-eccezzjoni tiddependi minn evalwazzjoni ta' provi. Il-partijiet taw verzjonijiet kontrastanti ghal xulxin. Filwaqt li l-attur ighid li kien inghata cekk ghall-ammont ta' erbat elef lira Maltija (Lm4,000) (fol. 25) minghand hu l-konvenuta (Vincent Zammit) li ma ssarrafx u li ma rcieva ebda hlas (fol. 21), il-konvenuta tghid li s-somma ta' tlett elef u sebgha mitt lira Maltija (Lm3,700) thallset minn huha Vincent Zammit fil-25 ta' Jannar 2002 (fol. 32). Il-konvenuta xehedet *"fil-hdax u nofs gie d-dar Censu Zammit u qalli li kien* (ta) *lill-attur tlett elef u seba' mitt lira Maltin (Lm3,700). Jiena staqsejtu jekk tahx ircevuta u qalli ma kienx tah"*.

*""F'sitwazzjoni konsimili, ta' kredibilita` u apprezzament ta' provi l-kriterju distintiv ma huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni izda jekk dik l-ispjegazzjoni hijiex verosimili. Huwa mbaghad pacifikament akkolt illi f'kaz ta' kuntrast bejn zewg verzjonijiet 'mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' 'in dubio pro reo'' –* ***Carmelo Farrugia -vs- Rokku Farrugia****, Prim Awla, Qorti Civili, 24 ta' Novembru 1966."*

"Din il-Qorti tistqarr li wara li rat l-atti tal-kawza tqies li l-verzjoni moghtija mill-attur hi iktar verosimili u li l-konvenuta ma ressqitx provi sodisfacenti tal-pagament akkont li tghid li ghamlet lill-attur; *"dwar l-eccezzjoni tal-pagament, qalet sewwa l-Ewwel Qorti li din il-prova tispetta lill-konvenut li qed ighid li hallas. Hu principju mhux kontrastat in materja in fatti illi "la prova del pagamento e' a peso del convenuto che lo allega", kif kienet iddecidiet il-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza taghha tat-28 ta' Mejju, 1885, fil-kawza Negte Michele Apap noe vs Giuseppe Grech. Fil-gurisprudenza taghna gie kostantement ritenut li l-piz tal-prova tal-pagament hu fuq il-konvenut li jallegah, u li jekk ikun hemm xi dubju, dak id-*

*dubbju ghandu jigi rizolut favur l-attur (Vol. XXXV.iii.604)"* (**John Cini vs Rita Camilleri** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Lulju 1982). Fuq dan l-insenjament ma taqbilx is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili[3] fil-kawza fl-ismijiet **Manuel Zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri** deciza fis-27 ta' Mejju 1970 fejn gie ddikjarat li f'kaz ta' dubju ragonveoli jekk l-ammont ghadux dovut jew le dan ghandu jimmilita favur il-konvenut *"ghax l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa' fuq l-attur mill-bidu sa l-ahhar tal-kawza ghax hu jallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu …"*. Min-naha l-ohra fil-kawza deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili[4] fl-ismijiet **Giuseppe Darmanin vs Salvatore Muscat** deciza fit-23 ta' Frar 1965[5] gie osservat: *"Min jallega l-pagament ghandu jippruvah ghas-sodisfazzjon tal-Qorti, u fid-dubju fin-nuqqas ta' ricevuta ghandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma thallasx (Kollez. XXXII.i.535), jekk ma jigi pruvat, kif del resto ma sarx b'mezzi ohra li l-attur huwa sodisfatt (Kollez. XXXV:iii.604; App. Inf. In re Cassar v. Agius, deciz fid-9 ta' Lulju, 1924; P.A. in re Cricchiola v. Pulis deciza fid-19 ta' Jannar, 1965)"*.

"Mill-kopja tac-cekk li kien inghata lill-attur u li ma ssarrafx (fol. 16), jirrizulta li sat-28 ta' Jannar 2002 l-attur kien ghadu qieghed jipprova jsarraf ic-cekk meta l-konvenuta issostni li l-hlas sar fil-25 ta' Jannar 2002. Dan apparti l-fatt li l-Qorti ma tqiesx li hu verosimili li Vincent Zammit hallas is-somma ta' tlett elef u sebgha mitt lira Maltija (Lm3,700) minghajr ma nsista li jinghata:-

"(a) Ricevuta tal-hlas fil-hin li sar il-hlas, iktar u iktar jekk wiehed kellu jemmen il-verzjoni li nghatat mill-konvenuta li nqalghu incidenti li fihom gew aggrediti mill-attur u saret ukoll hsara fil-proprjeta' taghha[6]. Vincent Zammit qal ukoll li kien hemm anke daqqiet ta' ponn (fol. 62). Dan apparti l-fatt li skond ma xehed Vincent Zammit, kien qal lill-attur sabiex *"….niltaqghu ghand l-Avukat u naghtihomlu"* (fol. 34). Minn qari tax-xhieda moghtija minn Vincent Zammit in

[3] Imhallef M. Caruana Curran.
[4] Imhallef Edoardo Magri.
[5] Vol. XLIX.ii.604.
[6] *"Fl-istess okkazzjoni Louis Zammit kissirli wkoll xi ghamara mid-dar"* (fol. 32).

kontro-ezami jidher bic-car li hu midhla sew tan-negozju u l-Qorti ma tarax li f'dawk ic-cirkostanzi kien ser jiltaq il-flus minn idejh minghajr ma jizgura li jinghata ricevuta bhala prova tal-hlas, u dan minkejja li l-prova ta' hlas ma tinhtiegx li dejjem issir b'ezibizzjoni ta' ricevuta[7].

"(b) Lura c-cekk li kien ta lill-attur (fol. 25) u li skond il-konvenuta kien mahsub biex jissostitwixxi c-cekk moghti minn Vincent Zammit li baqa' ma ssarrafx. F'dan ir-rigward xehed ukoll l-avukat Dr. Carmelo Galea (fol. 22) li kkonferma li tkellem ma' Vincent Zammit u kien qallu li *"…. U stedintu sabiex meta jkollu il-flus imur ihallihom ghand l-avukat tieghu, u imbaghad ahna nigbru l-flus u fl-istess hin nghaddulu ic-cheque lura"*. Sahansitra, in kontro-ezami Vincent Zammit ikkonferma li kien qal lill-attur li l-ewwel haga li kellu jaghmel kien li jirritornalu c-cekk li ma ssarrafx. Mill-atti jirrizulta li dan ic-cekk baqa' fil-pussess ta' l-attur (ara verbal tas-seduta tat-12 ta' Dicembru 2002 – fol. 49). Mehud in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi il-Qorti ma tqiesx li hu verosimili li x-xhud kien ser jitlaq il-flus minn idejh minghajr ma jinghata c-cekk.

"Il-Qorti hi wisq inqas impressjonata bil-verzjoni xejn cara li ta Vincent Zammit, in kwantu din hi kontradittorja u konfuza ghall-ahhar:

- "Fl-affidavit (fol. 34) iddikjara li *"…mort Malta u gibtlu l-flus cash. Ghaddew tlett ijiem u ghedtlu biex niltaqghu ghand l-Avukat u naghtihomlu. Iltqajna hdejn il-Qorti t'Ghawdex u hu kien mghaggel u jien ghaddejtlu tlett elef u seba' mitt lira Maltin (Lm3,700)"*;

- "Meta xehed in kontro-ezami (seduta 28 ta' Jannar 2003) beda biex ighid li l-flus kien gabarhom minn Ghajnsielem minghand certu Toni Attard li kien ghamel negozju ta' bejgh ta' vettura, u kellu wkoll ricevuta ta' dan (ricevuta li qatt ma giet prezentata). Meta mbaghad fil-kontroezami gie imfakkar (mid-difensur tal-attur) x'kien qal fl-affidavit, iddikjara: *"jiena gibt 'cheque' iehor minn Malta,*

[7] Ara f'dan is-sens sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) presjeduta mill-Imhallef P. Sciberras fil-kawza **Francis Schembri et vs Francis Grech** deciza fit-13 ta' Settembru 2007.

*gibt ‘cheque’ iehor minn Malta dik il-gurnata stess, sarraftu u mort ghand Tonio, irrangajt ma’ Tonio, kelli x’affarijeiet ohra tajtu d-differenza, fil-fatt gbart tlett mija (Lm300) anqas mieghu. Fil-fatt gibt il-flus, sarraftu l-Bank ghand Tonio jiena ftiehemt mieghu li ha niltaqa’ fil-hdax (11.00) bil-flus. Ic-cheque ghadu ghandi jigifieri ghax jiena gibt cheque iehor minghand”* (fol. 52). Imbaghad qal li c-cekk l-iehor gabru minn Malta minghand certu Mario Pisani u kien ghas-somma ta’ erbat elef lira Maltija (Lm4,000) u li dan ic-cekk (li skond hu kien *postdated*) kien sarrfu ghand Tonio Attard. Il-kontro-ezami jkompli hekk:

*““Dr. Carmelo Galea: Jigifieri dan Toni Attard dakinhar f’Jannar tas-sena l-ohra, ghalfejn tak tlett elef u sebgha mija (Lm3,700) ? Ghaliex kellu jaghtik, ghaliex tajtu c-cheque?*
*Xhud: Tahomli ghax tajtu c-cheque u ghaliex kont bzonnhom u s-soltu mhux l-ewwel darba.*
*Dr. Carmelo Galea: X’jigifieri s-soltu ?*
*Xhud: Jigifieri gie li jigi jiehu l-petrol u niktbu, imbaghad ikelli kont, jafdani u nafdah”* (fol. 54).

“Dan kollu juri li x-xhud ma kienx konsistenti f’dak li qal u dan minghajr dubju jirrifletti hazin fuq il-kredibilita’ minkejja li l-konvenuta qeghda ssostni li minn fejn gab il-flus Vincent Zammit m’huwiex rilevanti.

“Min-naha tal-konvenuta, xehedet li meta dakinhar stess kellmet lill-attur permezz tat-telefon qalilha li *“kien ser jigi filghaxija biex naghtih tlett mitt lira ohra (Lm300) biex ikunu erbat elef u jaghmillek l-ircevuta ta’ erbat elef lira Maltin (Lm4,000)”* (fol. 32). Waqt ir-riezami (seduta tat-28 ta’ Jannar 2003) iddikjarat li meta kellmet lill-attur qaltlu, *“….Ircevuta ? Qalli: “Bil-mod, bil-mod Sunt. Issa ninzel u naghtik l-Ircevuta”. Ghidtlu: “Mela sewwa, mela aghmilli l-Ircevuta ta’ erbat elef u tlett mija (Lm4,300) ghax dak kellu jaghti sebgha mija (Lm700) lil Franco Bugeja u Franco qalli: “Mela sewwa nigborhom, imbaghad innaqqashomlok minn hemmhekk” U bqajna hekk”* (fol. 75). Il-verzjonijiet ma jaqblux. Bl-istess mod il-Qorti trid tikkummenta kif il-

konvenuta qalet li wara li sar il-pagament ta’ Lm3,700 irceviet ittra minghand l-avukat ta’ l-attur fejn ma kienitx tnaqqset is-somma ta’ Lm3,700 u meta cemplet lill-attur cahad li kien ircieva xi flus. Il-konvenuta tghid li marret ghandha ohtha Rita Zammit (mart Vincent Zammit) li min-naha taghha xehedet li cemplitlu u l-attur ikkonferma li l-flus kien ircevihom minghand Vincent Zammit u li ried il-hlas tal-bilanc biex johrog ricevuta wahda. Il-Qorti ma tqisx li hu verosimili li l-attur filli qal li ma rceviex il-flus u mbaghad mumenti wara ammetta li rcieva l-flus. Dawn il-verzjonijiet ma jikkonvincux lill-Qorti. Dan apparti l-fatt li l-Qorti m’hijiex tara li setgha kien hemm motiv min-naha tal-attur biex jaghmel u jghid dak li qalet il-konvenuta, cjoe’ li f’temp qasir ta’ ftit granet mar ghand l-avukat ta’ fiducja tieghu u tah struzzjonijiet sabiex jibaghat ittra interpellatorja sabiex il-konvenuta thallas is-somma kollha (Lm8,402.08) u meta kelmitu l-konvenuta (wara li rcieva l-allegat pagament) cahad li kien ircieva s-somma ta’ tlett elef u sebgha mitt lira Maltija (Lm3,700) minghand Vincent Zammit. Il-konvenuta lanqas ma spjegat x’wassalha biex fil-25 ta’ Jannar 2002 (meta suppost ghamel il-pagament Vincent Zammit) iccempel lill-attur meta qalet li Vincent Zammit kien mar ghandha ghal habta tal-11.30 a.m. u kkonfermalha li hallas lill-attur is-somma ta’ tlett elef u sebgha mitt lira Maltija (Lm3,700). Il-konvenuta tista’ tipprova targumenta li cemplet lill-attur sabiex tizgura li tinghata ricevuta. Wiehed minghajr ma jrid jistaqsi, din il-verzjoni hi verosimili meta tqies li l-konvenuta qalet li minn dakinhar kien biss wara li rceviet l-ittra interpellatorja li regghet kelmet lill-attur? Ghal din il-Qorti m’hijiex verosimili.

“Imbaghad hemm l-affidavit ta’ Rita Zammit (fol. 36) li tigi oht il-konvenuta u mart Vincent Zammit. Ix-xhud iddikjarat: *“Louis Zammit bghat il-kont tax-xoghol li kien ghamel lill-ohti Maria Assunta Spiteri. Ohti malli rceviet il-kont kienet qaltli li rceviet il-kont. Ohti qaltli li kienet irceviet kont ta’ tmint elef lira Maltin (Lm8,000).*

*““Jien cempilt personalment lil Louis Zammit fuq il-mobile u staqsejtu kif kien qed jippretendi tmint elef lira Matin (Lm8,000) meta zewgi Vincent Zammit kien diga’ tah tlett*

*elef u seba' mitt lira Maltin (Lm3,700). Louis Zammit qalli dawn il-precizi kelmiet 'ghidlu jtini d-differenza u naghmillu rcevuta ta' kollox'. Huwa f'dik l-okkazzjoni ikkonfermali li kien rcieva l-pagament ta' tlett elef u seba' mitt lira Maltin (Lm3,700)"*.

"F'dan ir-rigward jigi rilevat li:

- "Il-kont kien inhareg mill-perit Vella fid-19 ta' Ottubru 2001 filwaqt li skond il-konvenuta l-allegat hlas ta' tlett elef u sebgha mitt lira Maltija (Lm3,700) sar fil-25 ta' Jannar 2002. Il-konvenuta ikkonfermat li wara li sar il-kejl l-attur kien baghat *"il-kont li kien ta' tmint elef u erba' mitt lira Maltin (Lm8,400)"* (fol. 32). Fi kliem il-konvenuta stess, sad-data li rceviet il-kont kien ghadu ma sarx l-allegat hlas. Min-naha l-ohra skond ix-xhieda ta' Rita Zammit, il-hlas ta' Lm3,700 kien diga' sar meta l-konvenuta rceviet il-kont mahrug mill-perit Emanuel Vella. Verzjonijiet li huma kontrastanti ghal xulxin.

- "Il-konvenuta qalet li kienet hi li cemplet lill-attur wara li rceviet *"ittra minn ghand l-Avukat tieghu biex naghtih l-ammont kollu li kien indikat l-Perit. F'dik l-ittra ma naqqasx il-pagament ta' Lm3,700 li kien sar. Malli rcevejt din l-ittra cempiltlu nibku u qeghdtlu "Louis hawn x'bghattli ? Mela ma tafx li tajniek Lm3,700?" Huwa wegibni xott xott "Dan int qed tghidu. Jiena ma rcevejt xejn" u qataghli l-linja"* (fol. 33). Kien biss fl-istadju tar-riezami li l-konvenuta semmiet li ohtha kienet cemplet lill-attur (seduta tat-28 ta' Jannar 2003). Dan apparti li dak li qalet Rita Zammit li qalilha l-attur, m'huwiex korraborat mill-konvenuta. Dan fis-sens li l-konvenuta ma semmietx x'setghet qaltilha ohtha dwar il-konversazzjoni li kellha mal-attur fuq it-telefon.

- "L-attur cahad kategorikament li lil din ix-xhud qalilha *'ghidlu jtini d-differenza u naghmillu rcevuta ta' kollox'* (fol. 46). Anzi qal li kienet cemplitlu u bdiet tghajjru.

- "Il-Qorti taraha stramba kif il-konvenuta tghid li meta rceviet l-ittra cemplet lill-attur u dan cahad li kien

ircieva s-somma ta’ tlett elef u sebgha mitt lira Maltija (Lm3,700), filwaqt li Rita Zammit xehedet li meta cemplet lill-attur dan ikkonfermalha li kien ircieva s-somma ta’ tlett elef u sebgha mitt lira Maltija (Lm3,700) u kull ma ried kien li jithallas id-differenza u jaghti ricevuta ta’ kollox. Dan mehud ukoll in konsiderazzjoni tal-fatt li dawn l-allegati zewg telefonati suppost li saru fl-istess gurnata f’intervall qasir. Fil-fatt il-konvenuta qalet li wara li l-attur cahad li kien ircieva l-flus minghand Vincent Zammit:

*““…. Ghidtlu: “Mhux veru ghax jiena ma jghaddix minn mohhi dawn l-affarijiet” U bdejt nibki u mort ghand ohti, ghidtilha: “Ara x’baghtli” U hekk kien ix-xoghol.*
*Dr. Chris Said: “ ohtok cemplitlu minn fejnek ?*
*Xhud: Ohti cemplitlu mid-dar taghha imbaghad”* (fol. 75).

“F’dan ix-xenarju l-Qorti tistqarr li m’hijiex moralment konvinta li fil-verzjoni moghtija mill-konvenuta u x-xhieda li ressqet qeghda tinghad il-verita’ u tasal biex tikkonkludi li l-konvenuta ma rnexxilhiex tressaq provi sodisfacenti li fir-realta` sar hlas ta’ tlett elef u sebgha mitt lira Maltija (Lm3,700).

“(b) **<u>L-attur naqas milli jlesti x-xoghol li kien gie nkarigat li jaghmel</u>.**

“Dwar din l-eccezzjoni, il-Qorti m’hijiex sodisfatta li tressqu xi provi min-naha tal-konvenuta. F’kull kaz jirrizulta wkoll mill-provi li x-xoghol li ghamel l-attur kien utli ghallkonvenuta u certament ghandu kull dritt li jitlob il-hlas ghax-xoghol li ghamel (diment li dan ikun sar skond issengha u l-arti). Dan apparti li ma saret l-ebda talba rikonvenzjonali sabiex l-attur jigi kkundannat ihallas xi danni. Id-dizgwid inqala’ meta l-attur128 ippretenda li jithallas ghax-xoghol li kien diga’ ghamel. Dan apparti l-fatt li lkonvenuta stess irrikonoxxiet li l-attur ghandu jithallas ta’ xogholu, tant li kien inghata cekk ghas-somma ta’ erbat elef lira Maltija (Lm4,000) wara li ntbaghat il-kont u li kif rajna ma kienx issarraf.

“(c) **<u>Hafna mix-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti</u>.**

"Kif gie osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Carmel sive Charles Francica vs Lawrence Buhagiar et**[8], deciza fit-28 ta' April 2004:

*""bosta drabi gie ribadit mill-Qrati illi l-appaltatur ghandu jesegwixxi x-xoghol lilu konness fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b`mod li 'l quddiem juri difetti. F`kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jwiegeb ghad-difetti li jigu 'l quddiem, izda galadarba huwa accetta li jahdem ix-xoghol, dejjem jibqa` obbligat u responsabbli li jaghti lill-appaltant opera sodisfacenti u spondet peritiam artis u hu obbligat jirrezisti kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent"*;

*""L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l' opera commessagli, secondo i dettami dell' arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria" ("**Carmelo Scicluna -vs- Giuseppe Mallia et**", Appell Civili, 31 ta' Mejju 1929). Jekk dan ma jaghmlux, u jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa jwiegeb ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina. Ara "**George Cutajar -vs- Edward Vincenti Kind proprio et nomine**", Qorti tal-Kummerc, 15 ta' Mejju 1953"* (**Anthony Sultana et vs Ganni Rapa** deciza mill-Qorti ta' l-Appell[9] fit-12 ta' Lulju 2007).

"Fil-kont mahrug mill-perit Emanuel Vella (datat 19 ta' Ottubru 2001 – fol. 6) ma jirrizultax li sar xi tnaqqis minhabba xi xoghol difettuz. L-ilmenti tal-konvenuta gew riprodotti fl-ewwel faccata ta' l-affidavit taghha:

*"Mill-ewwel deher li x-xoghol ma kienx qed isir bl-arti u s-sengha. Infatti hajt tal-garage li kien nbena mill-attur, nbena' bis-seba' pulzieri flok bid-disa', u dan ceda u waqa' kollu. L-attur kellu jerga jibnieh mill-gdid.*

---

[8] Imhallef N. Cuschieri.
[9] Imhallef P. Sciberras.

*“ Hajt iehor izzaqqaq u flok hattu u rega’ bnieh tella’ hajt iehor mieghu. Ghalhekk gie li tlifna pied mat-tul madwar tletin pied tal-garage.*

*“L-iskeletri tal-konkos li ghamel fil-garage bdihom mill-wicc l-art il-fuq. Gbidnilu l-attenzjoni li kellu jinzel l-isfel. Minkejja dan xorta baqa’ ma ghamilx dan. Ghalhekk fuq parir kelli nordom zewg filati fil-garage. Kont infaqt il-flusfil-qtugh tal-blat u kelli nordom zewg filati mieghu kollu ghaliex l-iskeletri tal-konkos ma sarux skond kif titlob l-arti u s-sengha.*

*“Il-ftehim mal-attur Louis Zammit kien li jibni bil-gebel tad-disa’ u dan bena bil-gebel tas-seba’ kullimkien. Dan minkejja li gbidnilu l-attenzjoni u minghajr l-awtorizazzjoni tal-Perit. Meta kont nigbidlu l-attenzjoni kien jghidli dejjem ‘Jien Marsalforn bnejt seba’ sulari b’tas-seba’”*.

“Fir-rapport prezentat mill-perit tekniku fit-2 ta’ Frar 2007 (fol. 121) jinghad li mill-kont ghandha titnaqqas is-somma ta’ disgha mija u erbgha u ghoxrin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm924.40) wara li kkunsidra blat zejjed li tqatta’ mill-attur, valur ta’ art minhabba hajt gdid li kellu jinbena, differenza fil-prezz dwar hxuna ta’ hitan. Fl-istima li ghamel, il-perit tekniku qaghad fuq dak li qalet il-konvenuta.

“Mill-provi jidher li kien hemm hajt li ggarraf u li rega’ nbena mill-attur, filwaqt li kien hemm hajt iehor li zzaqqaq u nbena hajt iehor ma’ gembu. Fir-rigward tal-hajt li waqa’ u rega’ nbena, l-attur ma ppretendiex hlas. F’dan ir-rigward issir riferenza ghax-xhieda tal-konvenuta:

*“Dr. Carmleo Galea: Inti ghidtilna illi kien waqa’ hajt, ceda hajt, l-attur rega’ bnieh mill-gdid. Ta’ dak ma ccargjakomx tal-hajt li waqa’ ?*
*Xhud: Ie”*.

“Skond l-istima li hejja l-perit tekniku Joseph Mizzi, mill-kont naqqas is-somma ta’ mija u tnejn u tmenin lira Maltija (Lm182) li identifika bhala *“1.7 metru kwadru ta’ l-art imnaqqsa”* (fol. 121) cjoe *“il-valur ta’ l-art minhabba l-hajt*

*gdid ta' 7" li kellu jinbena fil-garaxx metal-hajt originali li kien imbena qabel izzaqqaq u kellu jinbena hajt adjagenti mall-hajt mzaqqaq"* (fol. 121). Min-nota ta' sottomissjonijiet prezentata mill-attur jidher li qieghed jaqbel li dan l-ammont ghandu jitnaqqas mill-kont flimkien mas-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25) li tirreferi ghat-tbaqqin ta' travu tal-konkos. Fil-fatt f'paragrafu numru sitta u ghoxrin (26) tan-nota jiddikjara: *"Dan ifisser illi mill-partiti elenkati hawn fuq fil-paragrafu 23, ghandhom jigu dedotti mill-ammont dovut lill-esponenti biss il-partiti d u e ghal total ta' Lm207 u xejn aktar…."* (fol. 133).

"Ghal dak li hi hxuna tal-hitan, il-Qorti tistqarr li m'hijiex tal-fehma li tressqu provi sodisfacenti li l-hitan kellhom ikunu ta' disgha pulzieri (9") kif qeghda tallega l-konvenuta. Inoltre, il-Qorti ma tifhimx kif jekk kif qalet il-konvenuta l-hitan kellhom ikunu ta' din il-hxuna, kif halliet lill-attur ikompli bix-xoghol. Dan meta mid-deposizzjoni li tat (fol. 31) jirrizulta li fil-kors tal-bini kienet taf li l-hitan qeghdin jinbnew b'gebel tas-sebgha pulzieri (7"). Inoltre, ddeposizzjoni moghtija mill-perit Emanuel Vella m'hijiex ta' ghajnuna f'dan ir-rigward.

"Il-konvenuta ilmentat ukoll li minhabba l-mod kif hadem l-attur, gie li tqatta' blat zejjed. Ix-xoghol ta' tqattiegh tal-blat sar minn certu Franco Bugeja. Skond il-perit tekniku Joseph Mizzi, is-sular li bena l-konvenut fih gholi ta' disgha piedi u tmien pulzieri (9'8") (fol. 121). Man-nota ta' sottomissjoniet tieghu, l-attur ipprezenta pjanta approvata mill-MEPA sabiex isostni t-tezi tieghu dwar l-gholi li kellu jkun il-garaxx, li skond hu kellu jkun ta' disgha (9) filati. Hu minnu li fuq dan id-dokument jidher li s-sular li bena l-attur hu ndikat gholi disgha (9) filati. Pero' din il-pjanta hi datata 10 ta' Ottubru 2002 cjoe' wara li kien diga' nbena s-sular li tieghu l-attur qieghed jitlob il-hlas. Ghalhekk m'hemmx prova li dan id-dokument hu l-istess pjanta li saret fir-rigward tal-permess originali ghall-bini tal-fond. Dwar l-gholi tas-sular mibni mill-attur, il-perit inkarigat millkonvenuta kellu dan xi jghid:

*""Huwa minnu wkoll illi l-pilastri, igifieri l-bazi taghhom giet aktar gholja mil-livell ta' l-art…… Il-konsegwenza ovjament kienet illi l-gholi ta' dan il-basement ckien pero' ma nafx illi ckien hafna u niftakar li lanqas kien kull imkien konformi ghaliex kien hemm fejn naqas b'disa' pulzieri u kien hemm fejn naqas b'sitta skond il-kaz. Mhux qed neskludi llum illi kien hemm fejn il-bazi kellha sa pied (1') 'il fuq mill-gholi tal-livell ta' l-art. Originarjament l-gholi kienta' ghaxar filati; illum naqas filata"* (fol. 109). Il-konvenuta tippretendi li s-sular li nbena mill-attur kellu jkun gholi tnax-il filata. Dikjarazzjoni li ma gietx korraborata mill-perit responsabbli ghax-xogholijiet u li gie nkarigat mill-konvenuta. Min-naha taghha l-konvenuta naqset ukoll milli tressaq il-pjanta li fuqha nhareg il-permess ta' zvilupp u li setghet titfa' dawl fuq l-gholi li kellu jkun dan is-sular. Lanqas ma ressqet bhala xhud lil Franco Bugeja (il-persuna li ghamel ix-xoghol ta' thammil u skavar) sabiex jixhed dwar kemm gholi sar skavar u wisq inqas xi kont bil-kejl li seta' ha l-perit sabiex jithallas dan il-kuntrattur. Ghalkemm il-perit xehed li l-gholi tal-basement ckien, il-Qorti ma tistax taqbel mehud in konsiderazzjoni li l-istess perit qal li *"originarjament l-gholi kien ta' ghaxar filati; illum naqas filata"* u mill-kejl li ha l-perit tekniku Joseph Mizzi jirrizulta li l-gholi hu ta' disgha piedi u tmien pulzieri (9'8") igifieri ekwivalenti ghall-hdax-il filata[10].

"7. Ghal dak li jittratta hlas ta' imghax, l-attur ghamel riferenza ghal diversi sentenzi in sostenn tal-argument tieghu li l-imghax ghandu jiddekorri mill-prezentata ta' l-ittra ufficjali (fol. 133-135). Fic-citazzjoni l-attur qieghed jitlob *"….l-interessi legali b'effett mid-19 ta' Ottubru 2001 sad-data tal-effettiv pagament"*. Skond l-attur l-ittra ufficjali giet prezentata f'Novembru 2001. Mill-atti jirrizulta li dan l-att gudizzjarju gie prezentat mill-attur fid-29 ta' Jannar 2002 (fol. 10) u notifikat lill-konvenuta fil-31 ta' Jannar 2002. Permezz ta' dik l-ittra ufficjali u wkoll ic-citazzjoni prezentata fl-14 ta' Frar 2002, l-attur talab il-hlas tas-somma ta' tmint elef erbgha mija u zewg liri Maltin u tmien centezmi (Lm8,402.08). Mehud in konsiderazzjoni li l-

[10] Filata hi gholja circa 10.75 pulzieri ekwivalenti ghal 0.267 metri.

ammont pretiz hu likwidu u minn dan l-ammont ser titnaqqas biss is-somma ta' mitejn u sebgha liri Maltin (Lm207)[11], il-Qorti tqies li l-imghax ghandu jiddekorri mid-data tal-prezentata ta' l-ittra ufficjali[12]. L-ammont pretiz mill-attur m'huwiex illikwidu u l-Qorti qieset ukoll il-fatt li fic-cirkostanzi l-konvenut ma kienitx gustifikata li ma thallas xejn mill-ammont pretiz. Min-naha tal-konvenuta kienet taf kemm kien il-kont, u setghet facilment tiddetermina (anke bl-intervent tal-perit Emanuel Vella) kemm bejn wiehed u iehor minn dak l-ammont kellha zzomm f'idejja minhabba l-ilmenti li kellha ghax-xoghol li ghamel l-attur.

"Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-

"1. Tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-konvenuta.

"2. Tichad it-tielet eccezzjoni tal-konvenuta u tilqa' t-tieni talba tal-attur fis-sens li tikkundanna lill-konvenuta thallsu s-somma ta' tmint elef mija u hamsa u disghin lira Maltija u tmien centezmi (Lm8,195.08) wara li tnaqqset is-somma ta' mitejn u sebgha liri Maltin (Lm207) mill-kont mahrug mill-perit Emanuel Vella[13].

"Bl-imghax legali li ghandu jiddekorri mid-29 ta' Jannar 2002 u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta."

---

[11] F'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Agius Marble Works Limited vs AX Construction Limited** deciza fil-31 ta' Ottubru 2007 u li ttrattat ukoll il-punt dwar hlas ta' imghax, gie osservat:- *"....fl-ewwel lok l-ammont mitlub fic-citazzjoni kien wiehed determinat u ghalkemm l ammont eventwalment likwidat kien anqas minn dak mitlub xorta japplika l-principju li "il piu` comprende il meno" liema ammont inqas jattira imghax skond il-ligi".*

[12] Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fis27 ta' Lulju 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Francis Fenech et vs Carmelo Portelli** gie osservat li anke fejn l-ammont hu llikwidu jista' jkun hemm kazijiet fejn l-imghax jiddekorri minn qabel id-data tas-sentenza ossija minn meta jigi likwidat il-kreditu: *"Dan il-principju ghadu jigi segwit mill-Qrati, izda tul l-ahhar snin, sar zvilupp fil-gurisprudenza u dan il-principju gie temperat f'dawk ilkazijiet fejn il-Qorti setghet tqis li kienu jirrikorru cirkostanzi fejn kellha tassigura li d-debitur ma jigix avvantaggjat semplicement mir-riluttanza tieghu li jhallas bl-iskuza li l-ammont ma kienx determinat gudizzjarjament, billi jiffranka l-hlas ta' imghax sakemm l-ammont jigi definittivament likwidat. Xi eccezzjonijiet fejn din il-massima ma gietx applikata jinkludi l-kaz meta l-likwidazzjoni ma tkunx saret bil-htija tad-debitur, jew fejn is-sid ikun gie ingustament spoljat mill-proprjeta` tieghu, jew fejn il-likwidazzjoni tas-sorte tkun tista' ssir facilment mill-att tac-citazzjoni stess jew mid-dokumenti pprezentati maghha".*

[13] Fol. 6.

**L-appell tal-konvenuta**

**4.** Fir-rikors ta' l-appell taghha, il-konvenuta ressqet tliet (3) aggravji kontra din is-sentenza u talbet lil din il-Qorti sabiex "*tirrevoka s-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet premessi fit-tlettax (13) ta' Novembru 2007 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Generali, billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-appellanta, tichad it-talba tal-attur appellat Louis Zammit, bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-istess attur appellat Louis Zammit*." Fir-risposta tieghu l-appellat qal li l-appellanti pproduciet faqar ta' argumenti u b'hekk l-appell gie ntavolat unikament sabiex il-proceduri jkomplu jitwalu u l-appellanti tirbah izjed zmien qabel ma thallas; fisser ukoll li fil-fehma tieghu l-appell hu wiehed frivolu u vessatorju ghall-ahhar. Ghalhekk l-appellat talab sabiex din il-Qorti tordna lill-appellanti thallas l-ispejjez ghal dan l-appell doppjament fit-termini tal-artikolu 223(4) tal-Kap. 12.

**L-ewwel aggravju**

**5.** Il-konvenuta fl-ewwel aggravju taghha tilmenta li l-ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-fatt tal-pagament akkont ta' €8,618.68 (ekwivalenti ghal Lm3,700 tal-munita l-qadima). Il-konvenuta ssottomettiet li t-talba tal-attur li jithallas l-ammont ta' €19,571.58 (ekwivalenti ghal Lm8,402.08 tal-munita l-qadima) ma kellhiex tigi milqugha ghax dan l-ammont "*ma kienx dovut lanqas fil-mument tac-citazzjoni dan l-ammont ma kiex* [recte: kienx] *dovut stante li l-attrici* [recte: l-konvenuta / l-appellanti] *kienet gia` ghamlet pagament ta' tlett elef u sebgha mitt lira maltin (Lm3,700) lil-attur permezz ta' Vincent Zammit*."

**6.** L-attur appellat wiegeb li "*l-lokuzzjoni adoperata f'dan l-aggravju hija wahda infelici ghall-ahhar, u intiza biss sabiex thawwad l-imhuh u tisgwida lill-Qorti. Il-konvenuta donnha trid taghti x'jifhem illi l-allegazzjoni taghha li hija wettqet pagament ta' Lm3,700 tramite Vincent Zammit irrizultat bhala fatt, u l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta* [ma] *naqsitx dan l-ammont mill-ammont illi finalment*

*kellha thallas l-istess konvenuta.*” Skond l-appellat din l-allegazzjoni tal-appellanti li hallsitu s-somma ta’ €8,618.68 (ekwivalenti ghal Lm3,700 tal-munita l-qadima) hija boghod mill-verità u “*giet ribattuta sa mill-bidunett mill-esponenti, illi cahad illi huwa qatt ircieva xi pagament minghand il-konvenuta jew xi hadd ghan-nom taghha.*” L-appellat qal li t-tezi tieghu kienet giet korroborata filwaqt li dik tal-appellanti kienet inkonsistenti u kontradittorja ghall-ahhar. L-appellat qal li “*l-konvenuta naqset li tissodisfa l-oneru illi jinkombi fuqha mil-ligi illi tipprova il-pagament allegatament ezegwit minnha soddisfacentement u sal-grad rikjest mil-ligi.*” L-appellat ikkonkludi r-risposta tieghu ghall-ewwel aggravju billi qal li “*altru milli kwistjoni dwar jekk l-Ewwel Onorabbli Qorti akkreditatx lill-konvenuta b’dak illi kellha tikkreditaha, l-ewwel aggravju jirriduci ruhu ghal appell mill-apprezzament ezegwit mill-Ewwel Qorti tal-provi u x-xhieda mismugha minnha. Hu principju assodat fil-gurisprudenza taghna illi l-Qorti tal-Appell, bhala Qorti ta’ revizjoni, qajla ghandha tiddisturba l-apprezzament ta’ fatt ezegwit fil-Prim Istanza. Galadarba fil-kaz odjern mhux biss ma jirrizultawx, imma lanqas biss gew allegati da parti tal-konvenuta appellanti, xi irregolaritajiet, nuqqasijiet jew difetti talment gravi illi jiggustifikaw tali revizjoni, huwa sottomess bir-rispett illi dan l-ewwel aggravju ma jistax ma jigix michud minn din l-Onorabbli Qorti*.”

**7.** Din il-Qorti, bhalma ghamlet l-Ewwel Qorti, wara li ghamlet ezami tal-provi bir-reqqa, ma tistax ma tosservax li f’din il-kawza l-gudikant ghandu quddiemu zewg verzjonijiet kontrastanti ghall-ahhar dwar bilanc ta’ prezz ta’ appalt fejn naha wahda tallega li thallas ghan-nom taghha minn terza persuna, u n-naha l-ohra tghid li ma rceviet ebda hlas minn dan. La darba l-Qorti tkun f’sitwazzjoni bhal din b’zewg verzjonijiet kontrastanti ghal xulxin, il-Qorti “*tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha: 1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista’ tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u 2. Fin-nuqqas, tigi applikata l-massima “actore non probante reus absolvitur”. Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet “***Fogg Insurance Agencies**

***Limited noe vs Maryanne** Theuma", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta' Novembru, 2001. Fi kliem iehor, il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kedibilità u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, ankè fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (**Kollez. Vol L pII p440**)."*[14]

**8.** L-Ewwel Qorti gharblet il-provi pprezentati lilha u kif qalet fis-sentenza taghha sabet li l-verzjoni tal-appellat kienet aktar verosimili u li l-appellanti ma kienitx resqet provi sodisfacenti tal-pagament akkont li kienet qalet li ghamlet. Issa, fil-gurisprudenza taghna l-verosomiljanza hija meqjusa bhala forma ta' korroborazzjoni.[15]

**9.** Minn apprezzament tal-provi, ghalhekk, jirrizulta li l-appellat kien wettaq xoghol ta' kostruzzjoni fuq is-sit li jinsab fi Triq ic-Cief, Ghajnsielem, Ghawdex, proprjetà tal-appellanti. Ix-xoghol twaqqaf wara li l-appellat kien lahaq lesta l-*basement* u wara li l-appellat kien talab li jithallas akkont tal-prezz tal-appalt: "*Lil Spiteri tlabtha hlas akkont, izda hija ma rieditx thallas. Allura ghedtilha illi jekk ma thallasnix xi haga akkont ma kontx sejjer inkomplilha bix-xoghol.*"[16] Fl-10 ta' settembru 2001 permezz tal-konsulent legali taghha, l-appellanti kienet interpellat lill-appellat sabiex jissokta bix-xogholijiet u wara li allegat li x-xoghol li lahaq ghamel ma kienx skond l-arti u s-sengha, avzatu li kienet ser tikkummissjona lill-haddiehor sabiex ikompli x-xoghol b'rizerva li tiehu passi legali kontra l-appellat.[17] L-appellat wiegeb fl-1 ta' Ottubru 2001 u fl-ewwel paragrafu tal-ittra tieghu huwa nforma lill-appellanti li: "*huwa dispost ikompli bix-xoghol ta' kostruzzjoni **basta qabel xejn inti thallsu parti sostanzzjali mill-ispejjez illi inti inkorrejt sa issa**.*"[18] Fl-istess ittra l-appellat fisser li huwa ma

---

[14] **Maria Xuereb et vs Clement Gauci et**, Appell Inferjuri deciz fl-24 ta' Marzu 2004.

[15] Ara per ezempju **Emanuele Aquilina et vs Lorraine Farrugia et**, Prim Awla tal-Qorti Civili deciza fit-28 ta' Gunju 2001; **Barbara Carmen et vs Spiteri Anthony et**, Prim Awla tal-qorti Civili deciza fit-8 ta' Jannar 2002.

[16] A fol. 20.

[17] A fol. 23.

[18] A fol. 24.

abbandunax ix-xoghol izda x-xoghol waqaf ghaliex l-appellanti jew persuni nkarigati minnha kienu naqsu li jhallsu lill-kuntrattur li kien forna l-planki u tali kuntrattur kien qieghed jirrifjuta li jikkonsenja l-kumplament tal-planki biex b'hekk l-appellat ma setax ikompli b'xogholu li jsaqqaf fejn lahaq bena u jkompli jibni s-sular ta' fuq. Fl-affidavit tieghu l-appellat qal li l-appellanti u hu ftehmu li l-perit tal-appellanti jkejjel ix-xoghol li l-appellat lahaq ghamel u l-perit inkarigat mill-partijiet hareg ir-rapport ta' kejl u stima ta' xoghol tal-gebel u konkos mahdum mill-appellat. Dan il-kont igib id-data tad-19 ta' Ottubru 2001. Din il-Qorti tinnota li ma kienx ghadda hafna zmien minn meta l-partijiet skambjaw l-ittri legali taghhom u ftehmu li l-perit tal-fiducja tal-appellanti jkejjel ix-xoghol u johrog il-kont tieghu. Izda, l-appellat ma thallasx, tant li ghaddew xi xhur sakemm l-appellat inghata cheque bi hlas parzjali. Mill-affidavit tieghu jirrizulta li l-appellat baqa' jinsisti mal-appellanti sabiex thallsu skont l-istima tal-perit: "*jiena bdejt naghfas lil Spiteri sabiex thallasni, u din darba fost ohrajn qabdet lir-ragel ta' ohtha, certu Vincent Zammit, sabiex jghaddili pagament. Dan Vincent Zammit fil-fatt kien ghaddieli cheque fl-ammont ta' erbat elef lira maltija (Lm4,000).*" Ic-cheque ma ssarrafx peress li l-Bank irrifjuta li jsarrfu ghal zewg ragunijiet: "Refer to drawer" u "Drawer's signature differs".[19] L-appellat fuq parir tal-konsulent legali tieghu mar sab lil Vincent Zammit bil-kelma t-tajba biex ighidlu li c-cheque ma kinx issarraf u nqala' ncident: "*Pero` x'hin mort ghand Zammit dan spicca li ried jahbat ghaliha* (recte: ghalija)."[20] Kien sar rapport mal-Pulizija Ezekuttiva. Ftit wara kien gie suggerit arrangament biex l-appellat u Vincent Zammit permezz tal-avukati taghhom jiskambjaw il-flus u c-cheque li ma ssarrafx. Skond ma hemm miktub minn ufficjali tal-bank fuq wicc, u t-timbri fuq wara, ic-cheque innifsu, hu cert li saru tentattivi biex ic-cheque jissarraf fil-15 ta' Jannar 2002 u fit-28 ta' Jannar 2002. L-appellat fl-affidavit tieghu qal hekk: "*Fil-fatt minn dan kollu ma sar xejn u jiena bqajt bla flus.*"[21] L-appellat iddikjara li: "*Jiena nikkonferma illi sal-lum jiena ghadni ma rcevejtx centezmu minghand*

[19] Ara kopja tac-cheque a fol. 25.
[20] A fol. 20.
[21] A fol. 21.

*Maria Assunta Spiteri, u illi ghalhekk l-ammont kollu huwa dovut lili.*"[22] Fid-29 ta' Jannar 2002 permezz ta' ittra gudizzjarja[23], l-appellat interpella lill-appellanti sabiex thallsu l-ammont kollu kif stmat mill-Perit Emanuel Vella, u gharrafha ufficjalment li c-cheque moghti lilu minn Vicent Zammit ma kienx gie onorat. Waqt il-kontro-ezami tieghu, l-appellat cahad li rcieva flus minghand Vincent Zammit u cahad ukoll li kkonferma lill-appellanti fuq it-telefon li huwa rcieva l-flus.[24] L-appellat qal li huwa kien cempel lill-avukat ta' Vincent Zammit li kkonfermalu li Vincent Zammit kien kellmu u dan l-istess avukat kien wiegbu li kif jircievi l-flus icempillu biex imur ghalihom. Izda qatt ma cempillu. L-avukat, li kien l-istess avukat li kien qieghed jaghmillu l-kontro-ezami, stqarr fis-seduta li: "*Ghandi ma gewx flus.*"[25] Fl-affidavit tieghu[26], l-Avukat Carmelo Galea ddikjara li kellem permezz tat-telefon lil Vincent Zammit u li kien stiednu jhalli l-flus mal-avukat tal-fiducja tieghu u "*imbaghad ahna nigbru il-flus u fl-istess hin nghaddulu ic-cheque lura*."[27]

**10.** Fl-affidavit taghha l-appellanti qalet li c-cheque in kwistjoni inghata lill-appellat minn Vincent Zammit fil-prezenza taghha. Ic-cheque kien mahrug minn terza persuna u kien *post-dated* u kellu jissarraf tmient ijiem wara. Ic-cheque ma ssarrafx u meta l-appellat mar ghas-sodisfazzjoni, il-partijiet gew fl-idejn. L-appellanti qalet li: "*Fil-hamsa u ghoxrin ta' Jannar 2002 Censu Zammit qalli li kien gibed il-flus u sejjer ihallsu cash.*"[28] Peress li l-appellat kien qieghed icemplilha ma jaqta' xejn fuq it-telefon taghha, dak in-nhar talbet lil Vincent Zammit biex ifittex imur ihallas lill-appellat. Hija ddikjarat li: "*Fil-hdax u nofs gie d-dar Censu Zammit u qalli li kien lill-attur tlett elef u seba' mitt lira Maltin (Lm3,700) Jiena staqsejtu jekk tahx ircevuta u qalli li ma kienx tah.*" L-appellanti qalet li minnufih ghamlet kuntatt bit-telefon mal-appellat li kkonfermalha li kien iltaqa' mar-ragel ta' ohtha u li kien

---

[22] *Ibid*.
[23] A fol. 10.
[24] A fol. 46.
[25] A fol. 47.
[26] A fol. 22.
[27] *Ibid*.
[28] A fol. 32.

ircieva s-somma in kwistjoni. Dwar ir-ricevuta l-appellanti qalet li l-appellat kien qalilha li kien se jghaddi ghandha fil-ghaxija biex jithallas il-kumplament li kellu jiehu. Waqt il-kontro-ezami tieghu, l-appellat kien gie mistoqsi dwar din it-telefonata u d-diskors li l-appellanti qalet li huwa kien qal. L-appellat wiegeb li: "*Ianqas biss kellmuni dawk, le, le, ma kellmunix.*"[29] Skond l-appellanti ghaddew il-jiem u l-appellat ma tfaccax u meta rceviet l-ittra gudizzjarja minghandu cemplitlu "*u qeghtlu "Louis hawn x' bghattli? Mela ma tafx li tajniek Lm3.700?" Huwa wegibni xott xott "Dan int qed tghidu. Jiena ma rcevejt xejn" u qataghli l-linja. Dak il-hin stess cempilt lill-ohti Rita u tlaqt id-dar taghha biex nghidilha x'kien qed jigri.* " Din il-Qorti taraha stramba hafna kif l-appellanti cemplet lil ohtha Rita Zammit dwar x'kien gara meta kien ikun iktar naturali li hija ccempel lil zewg ohtha, Vincent Zammit, il-persuna li skond l-appellanti kien hallas, jew li ohtha ccempel lil zewgha u tgharrfu b'kollox. Skond l-appellanti, izda, minflok, ohtha cemplet lill-appellat. Mistoqsija waqt il-kontro-ezami dwar minn fejn gab il-flus li thallsu lill-appellat, l-appellanti wiegbet li ma tafx hlief li Vincent Zammit kien qalilha "*li tahomlu wiehed Malti*."[30] Fl-affidavit tieghu Vincent Zammit innifsu qal li: "*jumejn wara mort Malta u gibtlu l-flus cash*."[31] Izda, dwar dan il-punt din il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti, ma sabet ebda prova ohra li tikkorrobora dak li qal Vincent Zammit li gab xi flus minn Malta. Anzi, waqt il-kontro-ezami tieghu Vincent Zammit qal li l-flus kienu thallsu lilu Ghajnsielem minn certu Toni Attard maghruf bhala "Ta' Qaxxarilu" wara li biegh karrozza. Ix-xhud ma gharafx iwiegeb ghaliex fl-affidavit qal mod u waqt il-kontro-ezami qal mod iehor, u kompla jaghti dettalji kontrastanti, u fil-kredu deffes nies ohra li aktar ikkonfondew milli kkonvincew lill-Ewwel Qorti li wara li pprovat tholl il-kobba mhabbla ta' xiehda li ta dan ix-xhud, ma kellhiex triq ohra hlief li tghid li "*hi wisq inqas impressjonata bil-verzjoni xejn cara li ta Vincent Zammit, in kwantu din hi kontradittorja u konfuza ghall-ahhar.*"

---

[29] A fol. 47.
[30] A fol. 73.
[31] A fol. 34.

**11.** Din il-Qorti ma ssib xejn hazin li terza persuna tigi delegata minn debitur sabiex thallsilha d-dejn taghha, u dan ai termini tal-Artikolu 1148(2) tal-Kodici civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li: "*L-obbligazzjoni tista' wkoll tigi mitmuma bil-hlas maghmul minn terza persuna li ma jkollhiex interess fiha, basta li din il-persuna tagixxi fl-isem u ghall-helsien tad-debitur, jew, jekk tagixxi fl-isem taghha nfisha, basta li ma tigix imdahhla fil-jeddijiet tal-kreditur*." L-appellanti allegat li hallset permezz ta' terza persuna l-ammont ta' tmint elef sitt mija u tmintax-il Euro u tmienja u sittin centezmu (€8618.68) ekwivalenti ghal tlett elef u sebgha mitt Lira Maltija talmunita l-qadima (Lm3,700). Qalet ukoll li ma nghatatx ricevuta.

**12.** Skond l-Artikolu 562. Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili: *"Bla hsara ta' kull disposizzjoni ohra tal-ligi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah."* Fil-gurisprudenza taghna dejjem gie ritenut li l-prova tal-pagament u/jew ta' l-eccessivita` tal-kreditu reklamat kienu certament jinkombu fuq il-konvenut li jallegahom; min jallega l-pagament ghandu jippruvah ghas-sodisfazzjon tal-Qorti (**Vol. XLIX P II p 776**). Fid-dubju u fin-nuqqus ta' ricevuta, ghandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma thallasx (**Vol. XXXVII P I p 525**), jekk ma jigix pruvat – kif del resto ma sarx f'dan il-kaz – b'mezzi ohra li l-attur huwa sodisfatt (**Vol. XXXV P III p 604; Desmond Mizzi noe –vs- Patrick Filletti pro et noe**, Appell, 28 ta' Jannar 2000).

**13.** Insibu wkoll li:

"*Essenzjali f'kawzi ta' din ix-xorta hi l-applikazzjoni bil-principju* [recte: tal-principju] *illi min jallega jrid jipprova. Il-prova incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Fil-kaz taht ezami il-qofol tal-mertu hu l-eccezzjoni tal-konvenuti nomine illi huma hallsu dak kollu li kien minnhom dovut. Jeccepixxu allura l-pagament u kien jispetta lilhom li jippruvaw dan b'mod konvincenti u konklussiv.*"[32]

[32] **Joe Chetcuti et vs Joseph Pearson et noe**, Qorti tal-Appell, deciza fil-5 ta' Ottubru 1998.

"*il-piz tal-prova tal-pagament hu fuq il-konvenut li jallegah u jekk ikun hemm xi dubbju, dak id-dubju ghandu jigi risolt favur l-attur.*"[33]

**14.** Din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-Artikolu 1232(1) tal-Kap. 16: "*Meta mhux mehtieg mil-ligi li l-obbligazzjoni jew it-tmiem taghha jidhru minn att pubbliku jew minn kitba privata, il-prova ta' l-obbligazzjoni jew tat-tmiem taghha tista' ssir b'xhieda jew f'mezzi ohra maghrufin mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.*"

**15.** Ghalhekk, fil-gurisprudenza taghna nsibu wkoll li:

"*f'materja ta' pagament hi essenzjali l-prova li dan ikun sar u li, ghalkemm il-prova ta' l-ircevuta tista' titqies li tkun l-ahjar prova u l-aktar wahda li tassigura lid-debitur li jkun hallas kontra l-pretensjonijiet ingustifikati tal-kreditur, mhux eskluz li tali prova ssir mod iehor. F'din l-eventwalità però d-debitur ikun qieghed jiehu riskju ghaliex jekk kontra l-kitba l-ligi ma tippermetti l-ebda argument mhux l-istess jista' jinghad ghall-provi orali.*"[34]

**16.** Din il-Qorti ticcita kaz simili mill-gurisprudenza Franciza fejn *juges du fond* ma setghux jichdu talba maghmula minn kreditur ghall-hlas fejn debitur allega li kien hallas in kontanti minkejja li ma kinitx saret il-prova tan-nuqqas ta' hlas, ghax il-prova tal-helsien mid-dejn taqa' fuq spallejn min jishaq li hallas u cioè d-debitur.[35]

**17.** Fil-kaz in dizamina, wara ezami tal-provi kollha prodotti, jirrizulta li l-appellanti ma rnexxilhiex tikkonvinci lill-Ewwel Qorti, u anqas lil din il-Qorti ta' l-Appell, li kienet hallset is-somma ta' tmint elef sitt mija u tmintax-il Euro u tmienja u sittin centezmu (€8618.68) ekwivalenti ghal tlett

---

[33] **Borg Joseph noe vs Buckle Norman noe et**, Prim Awla tal-Qorti Civili, Imhallef Tonio Mallia, deciza fit-12 ta' Dicembru 2002.
[34] **Joe Chetcuti et vs Joseph Pearson et noe**, *supra.*
[35] Ara Code Civil, Dalloz 1990 -91, pg. 831: "les juges du fond ne peuvent débouter un créancier de sa demande en paiement que le débiteur prétend avoir réglé en espèces, en retenant que de l'ensemble des éléments de la cause il ressort que le défaut de règlement n'est pas établi, alors qu'il appartient à celui qui prétend s'être libéré d'une dette d'en justifier" – com. 16 juin 1981, Bull. Civ. IV, n° 278

elef u sebgha mitt Lira Maltija tal-munita l-qadima (Lm3,700). Ghalhekk, l-ewwel aggravju tal-appellanti m'huwiex fondat anzi dan huwa, fid-dawl tal-motivazzjonijiet elaborati moghtija mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, kompletament fieragh u vessatorju u qed jigi respint.

**<u>It-tieni aggravju</u>**

**18.** L-appellanti ilmentat li l-Ewwel Qorti ddecidiet li jitnaqqas biss l-ammont ta' €482.18 (ekwivalenti ghal Lm207) mill-istima originali minhabba xoghol li ma sarx skond is-sengha u l-arti. Hija hassitha aggravata ghax skond hi "*l-ewwel Onorabbli Qorti mhux biss ma qiesitx id-depozizzjoni tal-Perit Emmanuel Vella fejn ghamel lista shiha ta' difetti li kien hemm fix-xoghol maghmul minn Louis Zammit izda talli l-Ewwel Qorti ma rrelatat xejn fuq ir-rapport maghmul mill-Perit Tekniku fil-kawza, l-Perit Joseph Mizzi illi huwa kkonferma illi d-difetti riskontrati fil-plot tal-appellanta kellom il-valur ta' Lm 924.40 li kellu jitnaqqas mill-ammont dovut.*"

**19.** L-appellat wiegeb ghat-tieni aggravju billi qal li l-Ewwel Qorti kienet gusta meta ma strahitx fuq il-perit *ex parte* u qabdet perit tekniku indipendenti. Skond l-appellat dan tal-ahhar "*sab li hafna mill-ilmenti tal-konvenuta kienu totalment ingustifikati, u dwar il-ftit ilmenti illi irrizultaw gustifikati huwa irrelata b'mod u manjiera illi rriduca l-ammont illi ghandu jitnaqqas minhabba dawk l-ilmenti drastikament, bir-rizultat illi l-ammont illi kellu jitnaqqas mit-total dovut lill-esponenti gie ridott ghal Lm207.*" Skond l-appellat it-tieni aggravju ghandu jigi michud ghax "*fil-kaz odjern, il-konvenuta ma rnexxilhiex illi turi b'xi mod konvincenti u konsistenti fejn suppost zbalja il-perit tekniku u fejn il-Qorti suppost iddipartiet mill-konkluzjonijiet tieghu. Tant illi lanqas fir-rikors tal-appell hija ma indikat xi punti specifici fejn, b'kemm u b'liema modalita' ghandu jizdied l-ammont illi ghandu jitnaqqas mit-total dovut lill-esponenti.*"

**20.** L-ewwel Qorti kellha quddiemha l-istima u l-kont mahrug mill-Perit Emanuel Vella[36] u r-rapport tal-Perit Tekniku[37]. Kellha quddiemha wkoll l-ilmenti li l-appellanti elenkat fl-ewwel pagna tal-affidavit taghha.[38] Meta pparagonat din l-informazzjoni kollha li kellha quddiemha, l-Ewwel Qorti korrettament sabet li:

i) fl-istima u l-kont tal-Perit Vella ma kienx sar tnaqqis minhabba difetti fix-xoghol;

ii) ir-rapport tal-perit tekniku, ibbazat fuq informazzjoni li gabar minghand l-appellanti, rrakkomanda li titnaqqas is-somma ta' €2153.27 (ekwivalenti ghal Lm924.40) biex jaghmel tajjeb ghal blat zejjed li tqatta', l-valur tal-art li fuqha tela' l-hajt il-gdid u d-differenza fil-prezz dwar hxuna ta' hitan; u

iii) fin-nota tas-sottomissjonijiet tal-appellat, l-attur kien qabel li mill-kont originali jitnaqqas l-ammont totali ta' €482.18 (ekwivalenti ghal Lm207) li jikkonsisti fl-ammont ta' €423.95 (ekwivalenti ghal Lm182) rapprezentanti l-valur tal-art li fuqha nbena l-hajt gdid tas-seba' pulzieri (7") u l-ammont ta' €58.23 (ekwivalenti ghal Lm25) rapprezentanti li spiza ghat-tbaqqin ta' travu tal-konkos.[39]

**21.** Fir-rigward tal-ilment dwar il-hxuna tal-hitan, it-tqattiegh zejjed tal-blat u l-gholi tas-sular l-Ewwel Qorti sabet li quddiemha ma tresqux provi soddisfacenti u d-dikjarazzjoni dwar kemm kellu jkun gholi l-*basement* ma gietx korroborata mill-perit li kien responsabbli ghax-xogholijiet u l-persuna li hammel u skava s-sit in kwistjoni ma tharrikx biex jixhed. Dan kollu mmotiva lill-Ewwel Qorti sabiex tiddeciedi li mill-kont originali jitnaqqas biss l-ammont ta' €482.18 (ekwivalenti ghal Lm207).

**22.** Din il-Qorti gharblet il-provi kollha u waslet ghall-istess konkluzjoni li waslet ghaliha l-Ewwel Qorti. Din il-Qorti tinnota wkoll, kif indika l-appellat fir-risposta tieghu, li l-

---

[36] A fol. 6
[37] A fol. 121
[38] A fol. 31
[39] A fol. 132 u 133

appellanti fir-rikors tal-appell taghha ma ghamlet ebda sforz biex tindika mill-provi x'jiggustifika li mill-kont originali titnaqqas is-somma kollha msemmija fir-rapport tal-perit tekniku. Dana l-aggravju, ghalhekk, ma jimmeritax li jigi akkolt.

**It-tielet Aggravju**

**23.** L-appellanti ticcita mid-decizjoni tal-Qorti "*li l-imghax ghandu jiddekorri mid-data tal-prezentata ta' l-ittra ufficjali. L-ammont pretiz mill-attur m'huwiex illikwidu u l-Qorti qieset ukoll il-fatt li fic-cirkostanzi l-konvenuta ma kienitx gustifikata li ma thallas xejn mill-ammont pretiz.*" L-ilment tal-appellanti f'dan it-tielet aggravju hu essenzjalment marbut mal-ewwel aggravju taghha: hija allegat li ghamlet pagament ta' Lm3700 "*illi din l-Ewwel Qorti mhix tirrikonoxxi u li ghalhekk l-imghaxijiet ma ghandhomx jiddekorru mid-data tal-ittra ufficjali.*"

**24.** L-appellat wiegeb li la darba l-konvenuta bbazat ruhha fuq l-ezitu tal-ewwel aggravju "*galadarba, l-ewwel aggravju jigi michud, ghalhekk, anke dan it-tielet aggravju ghandu jirrizulta totalment infondat.*" L-appellat isostni wkoll li jekk l-appellanti "*verament wettqet pagament akkont ta' Lm3700, xorta wahda messha kienet taf illi hija kien fadlilha thallas aktar minn Lm4000 lill-esponenti. U sabiex tezonera ruhha mill-obbligu li thallas l-imghaxijiet fuq dan l-ammont messha offriet dan l-ammont lill-esponenti, anke minghajr pregudizzju ghal-lamenteli l-ohra taghha. Haga illi ma ghamlithiex – anke fil-mori tal-kawza, u wara li giet deciza l-istess kawza*."

**25.** Din il-Qorti rrespingiet l-ewwel aggravju tal-appellanti ghar-ragunijiet imsemmija aktar qabel f'din is-sentenza. Dwar dan it-tielet aggravju din il-Qorti m'jhijiex sejra tiddisturba l-apprezzament tal-fatti kollha li gharblet l-Ewwel Qorti u taqbel mal-motivazzjonijiet moghtija fis-sentenza appellata. Ghandu ghalhekk fil-kaz odjern japplika l-Artikolu 1141(2) li jipprovdi li "*f'kull kaz iehor, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak in-nhar illi ssir sejha ghall-hlas b'tt gudizzjarju, ghalkemm fil-ftehim ikun*

*gie stabbilit zmien ghall-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni.*" L-imghaxijiet ghandhom jghoddu mid-29 ta' Jannar 2002 u cioè mid-data tal-ittra gudizzjarja (a fol. 10). Ghalhekk it-tielet aggravju tal-appellanti qed jigi wkoll respint.

**Decide**

**26.** Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeciedi billi, prevja li tichad l-appell tal-konvenuta, tikkonferma *in toto* is-sentenza appellata. L-ispejjez ta' din l-istanza jigu sopportati kollha mill-konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------